# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, it-Tnejn, 30 ta' Jannar, 2023

**Kawża Nru. 1**

**Rik. Nru. 68/2020 ISB**

**Kenward Cole (Karta ta' l-identita' Numru 541562M)**

**vs**

**Reġistratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** tar-rikorrenti **Kenward Cole**, intavolat fit-28 ta' Ottubru 2020, li permezz tiegħu huwa talab lil-Qorti sabiex:-

> *"...tordna li l-isem ta' l-kumpannija H.P. Cole Limited (C 20) jerġa' jiddaħħal fir-Reġistru tal-Kumpanniji b'dana illi l-kumpannija titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar, u dana taħt dawk id-direzzjonijiet u provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni u dana ai termini ta' l-Artikolu 325(4) tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta."*

U dan wara li ppermetta:

*Illi r-rikorreenti huwa membru tal-kumpannija H.P. Cole Limted (C20) u dana stante li huwa għandu reġistrati f'ismu "33 redeemable Pref. Shares" u "10 Ordinary Shares" u jokkupa ukoll il-kariga ta' Direttur u dana kif jirriżulta mill-anness Dok. 'A'.*

*Illi l-esponenti irċieva ittra datat 27 ta' Marzu 2020 minn Dr. Maria Schembri għar-Reġistratur tal-Kumpanniji (Dok. B) fejn filwaqt illi għamlet riferenza għall-Artikolu 325(2) tal-Att dwar il-Kumpanniji ġie infurmat illi "your company shall be dissolved and its name shall be stuck off the register at the expiration of three months from the date of the notice referred to in the aforementioned article, unless cause is previously shown to the country."*

*Illi l-esponenti kemm hu personalment permezz ta' ittra mibgħuta minnu datata 18 ta' Marzu 2020 (Dok. C) kif ukoll permezz tal-konsulent legali tiegħu li bagħat ittra datata 9 ta' Ġunju 2020 (Dok. D) u ittra datata 19 ta' Ġunju 2020 (Dok. E), liema ittri huma spjegattivi; kif ukoll permezz ta' kuntratt telefoniku mill-awditur tal-kumpanija H.P. Cole Limited lil rappreżentant tar-Reġistratur tal-Kumpanniji kienu kkontestaw dan kollu u rreġistraw l-interess li kien fadal fil-kumpanija.*

*Tali interess jirriżulta anke mill-fatt illi meta tħassret minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji, H.P. Cole Limited kellha proprjetà f'65-66, Marina Street, Pieta konsistenti f'showroom, imħażen u uffiċini mifuxa fuq tlett sulari li tagħti fuq żewġ toroq; inkwilinat ta' fabbrika u inkwilinat ta' store kif ser jiġi spjegat u trattat aħjar waqt il-kawża.*

*Fil-fatt għalkemm is-soċjetà imsemmija naqsset milli tippreżenta dokumentazzjoni mitluba mill-intimat kif obbligata skond il-liġi li tippreżenta, jipi sottolinejat illi l-esponenti jixtieq illi jippreżenta tali dokumentazzjoni għall-kumpannija imsemmija hekk kif mitlub jagħmel, biss hija aktar kwistjoni illi huwa jinsab fl-impossibilita' li jagħmel dan, hekk kif del resto ġie spjegat ampjament fl-istess korrispondena fuq imsemmija u ser jiġi spjegat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*

*Illi minkejja dan kollu meta l-esponenti mar ir-Reġistru tal-Kumpanniji sabiex jitlob kopja ta' dokumentazzjoni dwar din l-istess kumpannija, ġie infurmat illi s-soċjetà H.P. Cole Limited ġiet "struck off as a defunct" u dana mingħajr ma ġie formalment avżat dwar dan minkejja l-korrispondenza kollha fuq imsemmija mibgħuta lir-Reġistratur.*

*Illi huwa rnexxielu jottjeni il-kopja tal-memorandum ta' l-istess soċjetà biss (esebit ġia' bħala Dok. A) wara rikjesta li saret bil-miktub mill-istess konsulent legali tiegħu permezz ta' email, minn liema dokument jirriżulta illi l-kumpannija ġie "struck off" fis-27 ta' Ġunju 2020.*

*Illi għalhekk ir-rikorrenti ħass ruħu aggravat bil-fatt li l-isem tal-kumpannija H.P. Cole Limited tħassar minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji u għandu kull interess illi l-istess kumpannija terġa' titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniiji.*

Rat **id-dokumenti** ppreżentati mar-rikors (fol 3 sa fol 20)

Rat **id-digriet** tagħha, diversament preseduta, tat-2 ta' Novembru 2020 fejn ir-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tad-19 ta' Jannar

2021 fl-10:30 a.m., u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lir-Reġistratur tal-Kumpaniji b'għoxrin jum żmien għar-risposta.

Rat illi fl-24 ta' Novembru 2020, ir-**Reġistratur tal-Kumpaniji** intimat ppreżenta **ir-risposta** tiegħu (fol 27) bid-dokumenti hemmekk annessi, li permezz tagħha, huwa sostna:

> *Illi l-kumpanija H.P. Cole Limited (C 20) kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru") fit-3 ta' Mejju 1965;*
>
> *Illi fiż-żmien li damet fuq ir-Reġistru, il-kumpanija naqset mill-obbligi tagħha illi tibgħat kontijiet u prospetti annwali lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni ai termini tal-Att dwar il-Kumpaniji. Tant hu hekk, illi l-aħħar kont annwali reġistrat kien dak tas-sena 2001 u l-aħħar prospett annwali reġistrat kien dak tas-sena 2003;*
>
> *Illi tali nuqqas kien raġuni biżżejjed sabiex l-esponent Reġistratur jissoponi illi l-kumpanija in kwistjoni ma kienetx qed topera jew tmexxi negozju ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji;*
>
> *Illi in vista tas-suespost, ir-Reġistratur proċeda sabiex kiteb lill-kumpanija u lill-uffiċjali tagħha sabiex javża illi l-isem tal-kumpanija kien ser jiġi mħassar minn fuq ir-Reġistru kemm il-darba ma tintweriex raġuni sabiex dan ma jseħħx;*
>
> *Illi r-Reġistratur bagħat l-ewwel avviż permezz ta' ittra lill-kumpanija (annessi u mmarkati bħala Dok. A, l-ittri u l-pubblikazzjonijiet kollha maħruġa mir-Reġistratur) fuq l-indirizz reġistrat tagħha 65/66, Marina Street, Pieta', kif ukoll lid-diretturi tagħha Henry Paul Cole, Kenward Cole u Mary Stella May Cole, illi kollha qegħdin reġistrati fl-indirizz 15, Dingli Street, Sliema Malta, datati 18 ta' Frar 2020;*
>
> *Illi t-tieni avviż ġie mibgħut permezz ta' ittra oħra kemm lill-kumpanija kif ukoll lid-diretturi fuq l-istess indirizzi fis-27 ta' Marzu 2020;*
>
> *Illi f'dawn l-ittri il-kumpanija ġiet infurmata illi la darba kienet ilha snin tonqos mill-obbligi tagħha skont l-artikolu 325 tal-Att dwar Il-Kumpaniji, f'każ li ma tweġibx l-ewwel ittra fi żmien xahar, u t-tieni ittra fi żmien tliet xhur, ir-Reġistratur kien se jkompli bil-proċess ta' tħassir tal-isem tal-kumpanija.*
>
> *Illi fis-27 ta' Marzu 2020, inħarġet pubblikazzjoni fuq Times of Malta fejn isem il-kumpanija kien wieħed fost oħrajn illi kien ser jiġi mneħħi minn fuq ir-Reġistru tal- Kumpaniji fi żmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dan;*

*Illi fil-frattemp ir-Reġistratur ircieva oġġezzjoni, u għaldaqstant kompla jikkorrispondi mal-kumpanija, tant illi fid-9 t' April 2020, intbagħtet ittra fuq l-indirizz tal-kumpanija (liema ittra qegħda tiġi annessa u mmarkata dok 'B'), f'liema ittra l-kumpanija ġiet mitluba tirregola ruħha u tibgħat id-dokumentazzjoni kollha li kellha nieqsa flimkien mal-penali u ħlasijiet oħra dovuti fuq reġistrazzjonijiet ta' prospetti annwali.*

*Illi dina l-ittra reġgħet intbagħtet lura għaliex jidher illi l-kumpanija fil-frattemp biddlet l-indirizz tagħha u dan mingħajr ma avżat lir-Reġistratur, obbligu li joħroġ mill-Att dwar il-Kumpaniji. Għaldaqstant, din id-darba ntbagħtet ittra lid-diretturi liema ittra qegħda tiġi annessa u mmarkata dok 'C', li fiha ġie replikat l-istess kontenut għal dik preċedenti piu' id-dover li jirreġistraw l-indirizz il-ġdid tal-kumpanija mar-Reġistratur.*

*Illi madanakollu, ir-Reġistratur qatt ma reġa' rċieva l-ebda tip ta' risposta jew dokumenti pendenti mingħand il-kumpanija u għaldaqstant fit-30 ta' Gunju 2020, li jaħbat tliet xhur mill-pubblikazzjoni msemmija hawn fuq, l-esponent ħareġ avviż fuq website miżmuma minnu fejn ġie avżat illi l-isem tal-kumpanija in kwistjoni kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi jidher biċ-ċar illi l-uffiċċjali tal-kumpanija qatt ma kellhom interess li jimxu skont il-ligi dwar il-kumpaniji u nfatti naqsu milli jissottomettu dokumenti mandatorji mar-Reġistratur ghal numru twal ta' snin, minkejja diversi notifiki li kienu jintbagħtu lilhom.*

*Illi filwaqt illi r-Reġistratur jixtieq illi jekk il-kumpanija terġa titpoġġa fuq ir-Reġistru, tali kumpanija għandha taġġorna d-dokumentazzjoni meħtieġa (inkluz il-prospetti annwali u l-kontijiet annwali) u dan sabiex jiġi salvagwardjat l-interessi tat-terzi persuni. Ir-Reġistratur qiegħed umilment jissolleva illi qiegħed iħalli f'idejn dina l-Onorabbli Qorti u fil-provi sabiex jiġu magħrufin il-passi illi għandhom jittieħdu min-naħa tiegħu sabiex il-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjon tiġi rattifikata.*

*Illi l-ammont dovut f'penali għal nuqqasijiet tal- Att dwar il-Kumpaniji jammontaw għas- somma ta'* ***EUR 17,787*** *u in piu', l-ammont dovut fuq it-tariffi tal- prospetti annwali dovuti lir-Reġistratur jammonta għal* ***EUR 5,809.06.***

*Illi għaldaqstant ir-Reġistratur huwa lest li joqgħod għal kull direzzjoni u provediment illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi partikulari ta' dan il-każ.*

Rat illi fl-udjenza tad-19 ta' Jannar 2021, deher l-Avukat Joseph Zammit għar-rikorrenti u dehret l-Avukat Claudette Fenech għar-Reġistratur tal-Kumpaniji.

Rat illi f'dik l-udjenza, ir-rikorrent iddikjara d-disponsibilita` sħiħa tiegħu li jirregolarizza l-pendenzi kollha li kellha l-kumpanija mal-intimat qabel sar it-tħassir. Rat ukoll id-dikjarazzjoni tar-rikorrenti li kellu diffikulta` reali u prattika li jħejji l-financial statements minħabba li d-dokumenti kienu jinsabu f'uffiċju li jinsab fil-pussess tal-Malta Industrial Parks Limited u ma kienx qiegħed jingħata aċċess. Konsegwentament, il-Qorti ordnat li tisma` lic-Chairman ta' Malta Industrial Parks Limited jew rappreżentant tiegħu fl-udjenza li jmiss sabiex jagħti spjegazzjoni dwar dan.

Rat illi fl-udjenza tas-26 ta' Jannar 2021, xehed **Charles Pearsall in rappreżentanza ta' Malta Industrial Parks Limited** u ppreżenta dokument (DOK MIP1, fol 67) u kkonferma li d-dokumenti msemmija mir-rikorrent kienu filfatt maqbudin fil-propjeta` in kwistjoni. Rat li l-Qorti ordnat lill-istess Malta Industrial Parks Limited sabiex tagħti aċċess lir-rikorrent sabiex jaċċessa l-uffiċju in kwistjoni sabiex jiġbor id-dokumentazzjoni kollha meħtieġa.

Rat illi fl-udjenza tal-4 ta' Frar 2021, id-difensur tar-rikorrent informa lil Qorti li r-rikorrent kien aċċeda l-post fejn kienet il-fabbrika tiegħu u ġabar id-dokumenti li kellu bżonn.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-11 ta' Jannar 2022, minn fejn jirriżulta illi d-difensuri tal-partijiet ddikjaraw illi l-pendenzi <u>kollha</u> tas-soċjeta` H.P. Cole Ltd (C 20) kienu ġew riżolti u regolarizzati, u għalhekk bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawża tħalliet għall-llum għall-provvediment.

Rat id-digriet tagħha ta' llum stess fir-rigward tar-rikors ta' INDIS Malta Limited tas-26 ta' Frar 2021.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirriżulta illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrent ai termini tal-**Artiklu 325(4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta**, u li permezz tagħha, ir-rikorrent, li huwa azzjonist tal-kumpanija **H.P. Cole Limited (C 20)**, liema kumpanija tħassret minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fis-27 ta' Ġunju 2020.

Illi, f'dan il-kuntest, ir-rikorrenti għandu kull interess illi l-istess kumpanija terġa' titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji u dana stante partikolarment il-fatt li l-kumpanija għandha assi li sejrin jiddevolvu f'idejn il-Gvern ta' Malta.

Illi r-rikorrent iddikjara mill-bidu, sa mir-rikors promotur, illi huwa kien lest li jieħu kull azzjoni meħtieġa sabiex tiġi regolarizzata l-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni H.P. Cole Limited u filfatt iddikjara li lest jieħu kull azzjoni meħtieġa sabiex jkun f'posizzjoni li jirregolarizza l-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni.

Illi l-intimat Reġistratur jgħid illi l-kumpanija msemmija kienet naqqset mill-obbligi tagħha mar-Reġistratur, li tibgħat kontijiet u prospetti annwali. Illi għalhekk kellu kull raġuni valida fil-ligi biex jikkanċella l-kumpanija u għadda mill-proċeduri kollha li trid il-liġi biex sar dan u kienu akkumulaw *registration fees* u penali kif indikat fir-risposta.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**Art. 325(4) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta:**

> *Jekk <u>membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess</u> li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u <u>l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa</u> biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-*

*ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiżiti li hemm bżonn biex kumpanija kummerċjali li tneħħiet minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji terġa' ssib postha fuqu ai termini tas-Sub-Artiklu appena ċitat. M'hemmx dubbju illi għadhom ma għaddewx il-ħames snin minn meta il-kumpanija H.P. Cole Limited (C 20) ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Reġistru.

Id-dokumenti ppreżentati jitkellmu waħedhom u ma jirriżultax lanqas kontestazzjoni dwar il-fatti li irriżultaw.

Il-Qorti pero`, kif tagħmel dejjem f'ċirkostanzi bħal dawn u qabel ma tgħaddi għall-provvediment, tqis id-disponibilita' li kellu ir-rikorrent illi jirregolarizza l-affarijiet tal-kumpanija mar-Reġistratur intimat. F'dan il-każ, ir-rikorrent żamm kelmtu u l-promessa magħmula mill-istess rikorrent inżammet, tant illi l-Qorti ġiet mgħarrfa illi l-pendenzi kollha kienu ġew regolarizzati.

Bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet għalhekk, il-Qorti ġiet mistiedna tgħaddi għall-provvediment.

**GĦALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, il-Qorti jidhrilha illi jkun ġust u ekwu illi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u dana billi:

1. **Fl-ewwel lok**, <u>tordna</u> lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, ai termini tal-Artiklu 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta, fi żmien ħmistax il-jum, jerġa' jdaħħal l-isem ta' **H.P. Cole Limited (C 20)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma kienx tħassar minn fuq ir-Reġistru.

2. **Fit-tieni lok** <u>tordna</u> lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-liġi relattiva għal tali inserzjoni mill-ġdid tal-kumpannija msemmija fir-Reġistru tal-Kumpaniji.

3. **Fit-tielet lok**, <u>tordna</u>, illi l-isem ta' **H.P. Cole Limited (C 20)** jitpoġġa lura fuq tali Reġistru tal-Kumpaniji.

4. **Fil-raba' lok**, <u>tordna</u> illi l-ispejjes ta' din il-procedura u kif ukoll kwasliasi spejjes illi seta' nkorra biex ikancella u li ghad jista' jinkorri ir-Reġistratur

intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpanija **H.P. Cole Limited (C 20)** fuq ir-Reġistru tal-kumpaniji jkunu a karigu tar-rikorrent.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**